# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 6 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 1198/99**

**Numru 34**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**vs**

**George Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' mitejn, sebgha u disghin lira Maltin (Lm297.00,0) dovuta bhala ghajnuna socjali mhallsa lill-mart il-konvenut Doreen Mizzi matul il-perjodu minn April 1991, sa Novembru 1991, meta il-konvenut kien obbligat li jmantni lilha skond sentenza tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li ggib id-data tal-15 t'April 1991 (Dok A).

Bl-ispejjez inkluzi  dawk tal-ittri ufficjali tat-28 ta'  April 1992, tat-18 ta' April 1996 u tat-23 ta' April 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-imsemmi Dok A (fol 2 tal-atti) ossija digriet (u mhux sentenza) moghti mill-imsemmija Qorti fil-15 ta' April 1991.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenut (fol 8 tal-istess atti) li biha eccepixxa:

1.  Preliminarjament illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili;

2.  Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ebda ammont mhu dovut mill-eccipjenti.

3.  Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz dak verbalizzat a fol 23 ta' atti oltre s-sentenza esebita mill-attur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghandu jinghad mill-bidunett, li l-konvenut ma gab ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni preliminari sottomessa minnu u li ser tigi decisa permezz ta‘ din is-sentenza.

Illi l-istess eccezzjoni sottomessa tirreferi ghall-artikolu 2156 tal-Kodici Civili ossija azzjonijiet li jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ hames snin.

Illi l-istess attur ghamel referenza ghall-artikolu 2115(2) tal-istess kodici fejn jinghad “... l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinghata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta‘ Malta hlief fil-kazijiet imsemmija fl-artikoli 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156”.

Illi mill-istess artikolu citat, jidher evidenti li dan il-kaz jaqa’ taht l-eccezzjonijiet kontemplati u specifikati fl-istess artikolu citat testwalment.

Illi, pero, mill-istess avviz jidher li:

a) l-attur ippresenta tlett ittri ufficjali kontra l-istess konvenut dwar dak miktub fl-avviz in esami, u, in rigward l-istess ittri ufficjali, f’nuqqas ta’ prova kontrarja, l-Qorti ghandha tippresumi li l-istess atti ufficjali kienu gew notifikati lill-konvenut u b’hekk interrompew iz-zmien tal-

preskrizzjoni (ara f'dan ir-rigward l-artikolu 2128 u 2130 tal-Kodici Civili).

b) L-istess avviz gie presentat fl-10 ta' Awissu 1999 ossija ftit xhur, biss, wara l-presentata tal-ahhar ittra ufficjali.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, waqt li jinghad li l-preskrizzjoni kif proposta hi applikabbli ghall-kaz in desamina, jidher ukoll li l-istess perjodu ta' preskrizzjoni imsemmi gie interrott diversi drabi u sad-data tal-presentata ta' dan l-avviz, ma kienx ghadu skada.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni preliminari sottomesssa mill-konvenut u tordna li s-smiegh ta' dan il-kaz jitkompla skond il-ligi. Bl-ispejjes riservati.

Alan Calleja
Deputat Registratur